# Kuraġġ Fina Nfusna

Ħellow tfal,



Kif intom? Nispera li qed tieħdu gost fil-vaganzi tas-Sajf u qed tistrieħu. Kif tafu issa fadlilkom madwar xahar u terġgħu tibdew tmorru l-iskola. Kulħadd jerġa' jibda bir-rutina. Terġgħu tibdew kuljum tiltaqgħu mal-ħbieb u jibda jkollkom x'tiktbu u tistudjaw. Għall-bidu kollox ikun jidher diffiċli imma tibdew tħossukom hekk sakemm terġgħu tibdew. Tfal, huwa importanti ħafna li ma taqtgħux qalbkom u ma tiskuraġġux lilkom infuskom forsi ankè minn xi kummenti li tisimgħu. F'qalbek dejjem għid, ''Jien ser jirnexxili!''

Ħa nirrakkuntalkom storja qasira li lili togħġobni ħafna. Darba kien hemm klikka ħbieb ta' bebbux li ftehmu biex jagħmlu tellieqa. Iddeċidew jaraw min minnhom kien ser jirnexxilu jitla' torri għoli ħafna. Jirbaħ min jirnexxilu jitla' sa fuq nett. Il-ġurnata waslet u kulħadd kien eċitat. Fit-triq kien hemm ħafna ħbieb tal-bebbux. Kollha kienu ferħanin u entużjasti biex jaraw min kien ser jirnexxilu jitla' dak it-torri għoli ħafna. Instemgħet is-suffara u t-tellieqa bdiet. Il-bebbux beda tiela', tiela' u l-kummenti tal-ħbieb bdew jinstemgħu wkoll. Kienu ħafna li wara ftit ħin qatgħu qalbhom u waqfu jtellqu. Il-kummenti li bdew jinstemgħu kienu, ''Dak it-torri għoli wisq, setgħu għażlu torri aktar baxx... Ħadd mhu ser jirnexxilu... Ħadd mhu b'saħħtu daqshekk biex jitla' s'hemm fuq... Żgur ħadd mhu ser jirbaħ...'' Wara xi siegħa deher bebbuxu tiela' 'l fuq u l-għajjat donnu aktar żdied! Tfal, kulħadd kien eċitat biex jara jekk dan il-bebbuxu kienx ser ikun ir-rebbieħ. Hu baqa' tiela' bil-mod b'nifsu maqtugħ u fl-aħħar.....

Tafu x'ġara tfal? Fl-aħħar dan il-bebbuxu rnexxielu jasal sal-quċċata! Tgħidx kemm ċapċpulu sħabu u hu kien ferħan li kien ir-rebbieħ ta' din it-tellieqa. Meta staqsewh kif kien irnexxilu jitla' sal-quċċata, indunaw li dan il-bebbuxu kien trux. B'hekk ma semax il-kummenti li bdew jagħmlu sħabu. Kieku x'aktarx kien jagħmel bħall-bebbux l-ieħor: jieqaf mit-tellieqa għax jaqta' qalbu.

Tfal, minn din l-istorja nitgħallmu biex ikollna fiduċja fina nfusna u ma naqtgħux qalbna. Ankè jekk aħna jkollna xi ħbieb li jkunu qed jaqtgħu qalbhom minn xi ħaġa, tkun ħaġa sabiħa jekk aħna stess nagħmlu kuraġġ lil xulxin. Niftakru wkoll biex nitolbu lill-Mulej xi talba żgħira biex jgħinna f'dak kollu li nagħmlu u jimlilna bil-kuraġġ. Eżempju bħal din it-talba, ''Ġesu' nitolbok tgħinni matul dan il-jum. Imla bil-kurraġġ lili u lil sħabi tal-klassi u għinna f'dak kollu li nagħmlu.''

Mela. tfal ftakru li jekk tkunu f'xi sitwazzjoni fejn tkunu ser taqtgħu qalbkom għidu talba lill-Mulej u ftakru fl-istorja tal-bebbuxu. B'hekk tirnexxu żgur...Niltaqgħu darb'oħra.